# Il-Ħadd 11.08.2019

1. L-Erbgħa 14/08: *(Filgħaxija ma jkollniex quddiesa fil-Knisja Parrokkjali.)*
   - Fis-6:30pm - Quddiesa fil-Knisja ta' Santa Marija, u wara Adorazzjoni u Barka Sagramentali.
2. Il-Ħamis 15/08, **Solennità tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija Santissma - Santa Marija**:
   - Għandna d-dmir li nieħdu sehem fil-quddiesa, li tkun fl-istess ħinijiet ta' nhar ta' Ħadd.
3. Il-Ġimgħa 16/08: *(Filgħaxija ma jkollniex quddiesa fil-Knisja Parrokkjali.)*
   - Fis-6:30pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju li tkun b'suffraġġju għall-erwieħ
     ta' ħutna u qrabatna mejtin, fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Pawl.
4. Is-Sibt 17/08:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-6:30pm - il-Quddiesa tkun b'suffraġġju għall-erwieħ ta' qrabatna mejtin,
     li mietu mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn.
   - Mit-8:30pm 'il quddiem - Lejla Sajfija fil-Pjazza tal-Knisja.
5. Il-Ħadd 18/08:
   - Fid-8:50am - Ċerimonja ta' tqegħid ta' kuruna quddiem San Pawl tal-ġebel f'Misraħ il-Knisja mill-President u l-membri tal-Każin Banda San Pawl flimkien mal-Kappillan.
   - Fid-9:00am - il-Quddiesa tkun bis-sehem tal-membri tal-Każin Banda San Pawl u s-Sezzjonijiet kollha, b'radd il-ħajr tad-90 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà u tat-30 sena mill-Banda. Fi tmiem il-quddiesa lkoll flimkien mal-membri tal-Għaqda tan-Nar 'San Pawl', nitolbu biex il-Mulej, bl-interċessjoni ta' San Pawl, iħarishom minn kull periklu tar-ruħ u tal-ġisem matul din il-ġimgħa speċjali tal-festa.
   - Fl-10:30am - il-Quddiesa tkun bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Mit-8:30pm 'il quddiem - *Pasta Night* fil-Pjazza tal-Knisja.
6. Avviżi oħra:
   - It-Tnejn 12/08 filgħaxija għandu jasal il-Programm tal-Festa.
     Min iqassmu mitlub jiġbru mis-Sagristija it-Tnejn 12/08 jew it-Tlieta 13/08.
   - Nitlob lil dawk li joqgħodu f'toroq imsemmija jew b'rabta ma' San Pawl, lil dawk li ġew joqgħodu Ħal Safi, lil ĦalSafin li joqgħodu f'irħula oħra, u lil dawk li joqgħodu barra minna Malta u qegħdin fostna għal xi btala biex jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali, minħabba quddiesa speċjali li ser ikollna għalihom nhar l-Erbgħa 21/08, fl-Ewwel Jum tat-Tridu.
   - Nitlob ukoll lill-koppji li qed jiċċelebraw l-1 sena / 10 / 20 / 25 / 30 / 40 / 50 Anniversarju taż-Żwieġ tagħhom, biex jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali, minħabba l-quddiesa speċjali li ser ikollna għalihom nhar il-Ħamis 22/08, fit-Tieni Jum tat-Tridu.
7. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Bħalma jsir kull sena, b'rabta mal-attivitajiet tal-festa, ser jingħalqu xi toroq għat-traffiku:
     - Triq iż-Żurrieq tingħalaq: il-Ħadd 11/08 (mis-7:00am sas-2:00pm);
       it-Tnejn 19/08 (mill-5:00pm sa' nofs-il-lejl);
       mill-Ġimgħa 23/08 sal-Ħadd 25/08.
     - Misraħ il-Knisja jingħalaq: mill-Ħamis 15/08 sat-Tnejn 26/08 (filgħodu);
     - Triq l-Iskola tingħalaq: mill-Ġimgħa 23/08 sal-Ħadd 25/08 (mis-7.00pm sa' nofs-il-lejl);
     - Triq il-Kuċċard tingħalaq: is-Sibt 24/08 (mill-5.00pm sas-1.00am).

     N.B. B'hekk, fil-jiem imsemmija, it-trasport pubbliku jgħaddi minn Triq il-Kuċċard.
     Nitolbu l-koperazzjoni ta' kulħadd, u niskużaw ruħna ta' kull inkonvenjent.
8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 325 bħala ġabra b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 250 bħala donazzjonijiet bl-istess għan.
   - € 1,087 mill-envelopes b'risq il-Festa ta' San Pawl. Grazzi.